MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 125/2005

**A B[1]**
**vs**
**L-Avukat Dottor Vincent Galea u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja nominati b' digriet tal-11 ta' Mejju 2005 kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti C D B***

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-partijiet izzewgu fit-3 ta' Jannar 2001 u minn dan iz-zwieg ma kienx hemm tfal;

Peress illi dan iz-zwieg huwa null ghax:

---

[1] Korrezzjoni tas-sentenza fil-kunjom awtorizzata b'digriet tad-29 t'Awissu 2006

- Il-kunsens tal-partijiet jew ta’ xi wahda minnhom kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjoniijet essenzjali taz-zwieg;

- Il-kunsens ta’ wahda mill-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga; u/jew

- Wahda mill-partijiet ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba ragunijiet temporanja setghat intelletwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghala ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

Tiddikjara li z-zwieg celebrat bejn il-partijiet fit-3 ta’ Jannar 2005 huwa null ghar-ragunijiet fuq jew ghal xi wahda jew aktar minn dawk ir-ragunijiet skond l-artiklu 19(1)(d), (f) u (h) ta’ l-Att taz-Zwieg (Kap 255).

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li biha eccepew illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirriservaw minn issa d-dritt taghhom li jressqu dawk l-eccezzjonijiet opportuni fi stadju ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg taghha mal-konvenut kuntrattat fit-3 ta’ Jannar 2001 huwa

null fil-ligi, fit-termini tal-paragrafi [d][f] u [h] ta' l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255; u dan ghar-ragunijiet imputabbli unikament lill-konvenut.

Mill-kumpless tal-provi rrizulta li fit-3 ta' Jannar 2001 l-attrici, mara ta' nazzjonalita' Maltija li f' dak iz-zmien diga' kellha tfal minn ragel iehor, kienet izzewwget lill-C D B ta' nazzjonalita' Libjana. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Hekk kif sar iz-zwieg u l-konvenut akkwista l-freedom of movement f' Malta irrizulta li dana ma kellux l-intenzjoni li jibqa' ma mara wahda u di fatti nonostante li kien mizzewweg lill-attrici beda jiffrekwenta mara ohra. L-attrici tghid li hi ma sethget tghix bil-mentalita' li ragel ikollu zewg nisa u eventwalment il-koppja sseparat de facto u l-assenti telaq minn Malta. L-attrici tghid ukoll li hekk kif l-assenti akkwista l-freedom of movement l-komportament tieghu fil-konfront taghha imbidel hesrem b' mod negattiv.

Illi f' dan il-kaz il-Qorti ittrravvisa da parti ta' l-assenti l-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [f] ta' l-Artikolu precitat.

In propositu gie osservat fil-kawza *PA Brigitte Veneziano Broccia vs Avk.Dr.Joseph Sammut noe deciza 9.12.2002*, is-simulazzjoni tiehu l-forma ta' dak li fid-duttrina civili hu deskritt bhala *colorem habens substantiam vero nullam* li b' konsegwenza jirrendi l-kuntratt bhala interament fittizju. Jkun hemm simulazzjoni f' kuntratt taz-zwieg meta fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew it-tnejn, esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali, izda internament u b' att pozittiv tal-volonta' taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg [simulazzjoni totali] jew tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg [simulazzjoni parzjali] [*PA Muscat vs Borg Grech – 14.08.1995; Alfred Tonna vs Maria Tonna – 31.01.1996*]

Fil-kaz odjern jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li, ghalkemm esternament l-assenti kien ta' l-kunsens matrimonjali, izda internament huwa eskluda obligazzjonijiet essenzjali ghall-hajja matrimonjali bazata

fuq il-kuncett ta’ unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli diretta lejn hajja in komuni bazata fuq ir-rispett reciproku, il-prokreazzjoni ta’ l-ulied u t-trobbija taghhom. Jidher car li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens l-assenti kien eskluda li jaderixxi ruhhu ma’ l-obbligu tal-fedelta’ lejn l-attrici, u hekk kif hu akkwista l-freedom of movement biz-zwieg maghha, huwa nehha l-maskra u ammetta maghha li huwa ried jghix b’ izjed minn mara wahda.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehma li l-kunsens matrimonjali ta’ l-assenti kien vizzjat b’ eskluzzjoni posittiva ta’ wiehed mill-obbligi essenzjali fil-hajja matrimonjali, cioe’ dak tal-fedelta’ u f’ dawn it-termini z-zwieg in disamina huwa null in bazi ta’ dak kontemplat fil-paragrafu [f] ta’ l-Artikolu 19[1] KAP.255

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talba attrici u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi tiddikjara null u bla effett fil-ligi iz-zwieg ikuntrattat bejn il-partijiet fit-3 ta’ Jannar 2005[2]. L-ispejjez a kariku ta’ l-assenti, izda dawk relattivi ghall-kuraturi deputati ghandhom jithallsu provvizorjament mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[2] korrezzjoni tas-sentenza fis-sens li s-sena ghandha tinqara ‘2001’ u dan b’digriet tad-29 t’Awissu 2006